MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 749/2002

**Repro House Company Limited**

**vs**

**Raymond Gera u Thelma Maria Gera**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta’ l-attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ erbat elef, mitejn u hamsa u sebghin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm4,275.21) rapprezentanti bilanc ta’ somma akbar ta’ materjal u servizz moghti mill-atturi lill-konvenuti f’xoghol u kummissjoni ma’ “pre-press work and advertising”.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni li gie pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuti u bl-interessi mid-data tal-prezentata ta’ l-avviz kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuti baqghu kontumaci.

Semghet ix-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta' attrici, fil-kontumacja tal-konvenuti u billi l-Qorti hija sodisfatta li s-socjeta' attrici ghandha ragun.

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, kif ridotta, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------